MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 846/2003

**Evgueni Polouektov**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Evgueni Polouektov li permezz taghha, wara li gie premess illi:

L-attur Evgueni Polouektov jirrisjedi s-Sud Africa u ghall-ahhar disgha snin kellu kontijiet mas-socjetà HSBC Overseas Bank (Malta) Limited, liema socjetà, permezz ta’ instrument of amalgamation datata 28 ta’ Frar 2002 u pprezentata fir-Registru tal-Kumpaniji fit-2 ta’ Lulju 2002, giet amalgamata mas-socjetà konvenuta HSBC Bank Malta plc.

F’Novembru 2002 l-attur kellu s-somma ta’ USD100,000 fil-kont tieghu numru 004 061867 571, allura già mas-socjetà konvenuta.

Fid-29 ta’ Novembru 2002, l-attur ta’ struzzjonijiet lis-socjetà konvenuta sabiex jittrasferixxu s-somma ta’ USD100,000 go kont li huwa ghandu fil-Bank UBS f’Zurich fl-Isvizzera.

Fil-11 ta’ Dicembru 2002, l-attur gie mgharraf mis-socjetà konvenuta li l-istess bank konvenut fil-15 ta’ Novembru 2002 kien ittrasferixxa mill-kont tal-attur s-somma ta’ USD70,000 ghal Bank bl-isem ta’ Mega, f’Jakarta fl-Indonesia, u fit-3 ta’ Dicembru 2002, kien ittrasferixxa l-bilanc rimanenti ta’ USD29,922.47 ghal kont ta’ certu bniedem mhux maghruf bl-isem ta’ Mario Philip Craig f’Bank bl-isem Negara, f’Jakarta Barat, fl-Indonesia.

Il-bank konvenut qal li l-ewwel trasferiment ghamlu wara li rcieva fax fl-14 ta’ Novembru 2002, filwaqt li t-tieni trasferiment ghamlu wara li rcieva TNT courier service li kellha

struzzjonijiet datati 23 ta' Novembru 2002 u li l-bank konvenut ircieva fid-29 ta' Novembru 2002.

L-attur qatt ma baghat l-istruzzjonijiet imsemmija mill-bank konvenut, u dawn intbaghtu minn terzi persuni bi skop li jiffrodaw lill-attur, stante li l-attur m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kontijiet fejn il-bank konvenut baghat flus l-attur.

Li kieku l-bank konvenut wera d-diligenza minnu rikjesta bhala bank kummercjali sabiex jipprocessa l-istruzzjonijiet li rcieva, zgur li ma kienx jagixxi fuq tali struzzjonijiet u ghalhekk kieku zgur li l-frodi li kkommettew it-terzi ignoti ma kienx jirnexxi.

Il-bank konvenut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza wera negligenza fil-manjiera kif agixxa u amministra l-kontijiet tal-attur, u bhala rizultat ta' din in-negligenza l-attur kellu l-kontijiet bankarji tieghu debitati bis-somma ta' USD99,922.47, oltre l-imghaxijiet mid-data li dawn il-frodi gew trasferiti abbuzivament mill-kont tal-attur.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprevja d-dikjarazzjoni li l-bank konvenut kien negligenti, jew naqas mill-obbligi bankarji tieghu, meta d-debita l-kont tal-attur bis-somma ta' USD99,922.47, tordna lill-bank konvenut jhallas lill-attur l-istess somma ta' USD99,922.47.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-dati tat-transfers rispettivi mill-kont tal-attur sal-pagament effettiv, kontra l-bank konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' HSBC Bank Malta plc li in forza taghha gie eccepit illi:

Fl-ewwel lok, l-attur ghandu jipprova l-allegazzjonijiet minnu maghmula fic-citazzjoni li l-flus in kwistjoni gew addebitati mill-kont bankarju fuq istruzzjonijiet ta' terzi u minghajr l-awtorizzazzjoni tal-attur.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghal grazzja tal-argument jigu ppruvati l-allegazzjonijiet imsemmija fl-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante li m'huwiex minnu li l-bank eccipjenti kien negligenti jew naqas mill-obbligi bankarji meta gie debitat il-kont in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante li l-Bank konvenut ma jistax jitqies responsabbli ghat-telf tal-flus in kwistjoni u/jew biex ihallas lill-attur is-somma mitluba fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob lil HSBC Bank Malta plc ihallas lilu somma ta' kwazi USD100,000 li huwa jsostni li nhargu mill-kont tieghu minghajr il-kunsens tieghu kawza ta' negligenza tal-bank.

Il-Qorti tibda biex tikkonferma l-principju regolatorju ta' kull kawza f'dawn il-Qrati u cioè li min jallega jrid jipprova. Kif irriteniet il-Qorti fis-sentenza Giordimaina Medici vs Rizzo – 28 ta' April 2004:

> *"In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment*

*opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili."*

Huwa ben stabbilit inoltre illi l-Qorti hija kostretta fil-konsiderazzjoni taghha tal-vertenza bil-kawzali u t-talbiet kif dedotti fl-att promotur tal-proceduri.

Il-Qorti qieset il-provi prodotti mill-attur fid-dawl tal-fuq imsemmija principji. Essenzjalment, fil-kuntest, l-iskrutinju taghha kien ghall-prova tal-fatt li l-bank agixxa fuq istruzzjonijiet li ma gewx minghand il-klijent tieghu u, fuq kollox, jekk sar hekk, li dan l-agir sar b'negligenza jew traskuragni.

Mill-provi jirrizulta l-ewwel talba ghal trasferiment ta' USD70,000 waslet lil Bank permezz ta' fax fl-14 ta' Novembru 2002. Qabel ma lahqet giet konsidrata cemplet persuna li qalet li kienet Polouektov. Din il-persuna kienet konoxxenti tad-dettalji tal-kont, numru u bilanc. Peress illi l-fax ma kienitx cara gie infurmat li kellhom jigu mibghuta istruzzjonijiet bil-"courier". Din il-persuna saqsiet ghal isem l-impjegata, li kienet Elvia Jacono, izda fehmet l-isem "Alzieha" minflok Elvia.

L-ghada l-istess persuna cemplet u staqsiet biex tkellem lil “Alzieha”. Kellmitu Elvia Jacono. It-transazzjoni ghaddiet. Gara l-istess fid-29 ta’ Novembru. Din id-darba l-istruzzjonijiet gew direttament “by courier” indirizzati ghall-attenzjoni ta’ “Alzieha”. Bhal l-ewwel darba, il-firma qablet ma dik fuq il-mastercard tal-bank. Il-fondi gew trasferiti kif mitlub (ara affidavit ta’ Elvia Jacono a fol. 202).

L-attur imbaghad jinsisti illi fid-29 ta’ Novembru 2002, huwa baghat fax lil Bank b’istruzzjonijiet rigward il-kont li huwa talab li jinghalaq u l-fondi trasferiti fl-Isvizzera. Il-bank jinsisti li dan il-fax qatt ma rcevieh. Fl-10 ta’ Dicembru 2002 huwa cempel biex jistaqsi u gie infurmat li l-flus kienu gew trasferiti fuq l-istruzzjonijiet precedenti u ghalhekk l-ordni tad-29 ta’ Novembru 2002 ma setghetx tigi esegwita.

F’dan ix-xenarju l-Qorti tqis li huwa aktar verosimili l-akkadut kif spjegat mill-Bank konvenut, u cioè li l-istruzzjonijiet <u>kollha</u> waslu minghand l-istess Polouektov. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset is-segwenti fatturi minuzzjozament.

- L-ewwel fax intbaghtet minn post li l-attur kien jaf ezatt fejn jinsab u kemm u boghod minn daru.

- Kien l-istess attur li talab li titwaqqaf is-sistema ta’ test codes ta’ sigurtà (ara fol. 189) fl-1 ta’ Awwissu 2002.

- L-attur biss minbarra l-bank stess kien konxju tal-fatt li kienet tezisti fax indemnity, u cioè li l-Bank seta’ jiehu istruzzjonijiet bil-“fax”.

- Il-persuna li tat l-istruzzjonijiet ghaz-zewg transazzjonijiet kienet taf ezatt id-dettalji tal-kont, kemm numru kif ukoll bilanc, dan meta l-attur qatt ma kien ilmenta li naqaslu xi "statement".

- L-espert tal-kaligrafija inkarigat mill-Bank konvenut ikkonkluda illi, ghalkemm il-firma fuq l-ittra tat-23 ta' Novembru 2002 ma saritx mill-attur, kliem iehor fuq l-istess dokument saru minnu. Jikkonkludi ukoll illi l-firma falza fuq iz-zewg ittri, cioè tal-11 u tat-23 ta' Novembru 2002 saru mill-istess ID. La darba mill-kliem zgur mizjud minnu jirrizulta li dik tat-23 ta' Novembru giet minghand l-attur, allura anki l-ohra ta' qabilha, mill-istess ID, probabilment ta' komplici, giet ukoll minghandu. Il-Qorti tinnota li l-iskrittura giet imqabbla ma' kitba fuq dokumenti ohra li fix-xhieda tieghu l-attur ikkonferma li kienu tassew bil-kitba tieghu.

- Ta importanza kbira il-Qorti qieset ir-referenza kontinwa ghal Elvia Jacono bhala "Alzieha". Il-persuna li l-ewwel tkellmet ma Elvia Jacono fehmet l-isem bhala "Alzieha", u baqghet issejjhilha hekk ukoll fir-rigward tat-tieni transazzjoni. Fi Frar 2012 meta l-attur mar personalment fil-Bank, huwa staqsa ghal "Alzieha" (ara xhieda ta' Dr. Eric Mamo a fol. 183). Dan ma gie kontradett b'ebda mod. L-unika persuna li kienet tuza dan l-isem kienet il-persuna li baghtet l-istruzzjonijiet taz-zewg transazzjonijiet.

Fic-cirkostanzi, in vista' ta' dawn il-fatturi kollha, il-Qorti ssib li mhux talli l-attur ma rnexxielux jipprova l-allegazzjoni tieghu izda li wisq probbabilment kien huwa stess jew nies maghrufa lilu li taw l-istruzzjonijiet.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' HSBC Bank Malta plc tichad it-talbiet ta' Evgueni Polouektov.

L-ispejjez jithallsu kollha minn Evgueni Polouektov.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------